# INDAQS

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

NRU 20 MEJJU 2004









# Il-Kelma taċ-Ċermen

JOE CAMILLERI

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, kif jixhed isimha stess, hija waħda 'Nazzjonali', Kummissjoni tagħna lkoll: persuni b'diżabilità u familjari tagħna. Għalhekk, waħda mill-preokkupazzjonijiet dejjiema tagħna li mmexxu u naħdmu fil-Kummissjoni hija eżattament: 'Kif nistgħu nassiguraw li l-Kummissjoni tirrifletti x-xewqat u bżonnijiet tagħna lkoll, bla ma tħalli 'l ħadd barra'.

Jekk il-Kummissjoni trid tirrifletti lilna lkoll, mela trid tara li l-ħidma tagħha tkun indirizzata b'mod bilanċat bejn il-kategoriji maġġuri tan-nuqqasijiet li aħna lkoll, b'xi mod jew ieħor, għandna:

- Nuqqas intellettwali
- Nuqqas ta' dawl
- Nuqqas ta' smigħ
- Nuqqas ta' mobilità u
- Problemi ta' saħħa mentali

Filwaqt li mhux faċli li dejjem iżżomm dan il-bilanċ, il-Kummissjoni dejjem tagħmel l-almu tagħha biex tqassam ħidmietha bl-aktar mod ġust.

Għalhekk, ejjew nieħdu l-ħidmiet prinċipali tas-sena li għaddiet bħala eżempju. Kif jaf kulħadd is-sena 2003 kienet is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità. Sena fejn, bħal kull pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea, aħna wkoll għamilna sforzi akbar biex inpoġġu l-issues tad-diżabilità fl-ogħla quċċata ta' l-aġenda nazzjonali. Biex nilħqu dan l-għan aħna organizzajna diversi attivitajiet u ħadna diversi inizjattivi.

Jekk inħarsu lejn ir-Rapport ta' Ħidma tal-Kummissjoni matul l-2003 insibu 54 ħidma differenti, ċioè, il-maġġoranza assoluta ta' attivitajiet organizzati mill-Kummissjoni, kienu indirizzati lejn kulħadd, hu x'inhu n-nuqqas fiżiku, jew mentali, tagħna.

Fl-2003 il-Kummissjoni kellha ħidmiet oħra li kienu mmirati prinċipalment lejn gruppi ta' persuni b'nuqqas partikolari, kif jidher hawn taħt:

- persuni b'nuqqas intellettwali 8
- persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali 3
- persuni b'nuqqas ta' smigħ 4
- persuni b'nuqqas ta' dawl 6
- persuni b'nuqqas ta' mobilità 16

Issa, jekk norbtu t-tnejn flimkien, cioè, il-ħidma mmirata lejn kulħadd, flimkien mal-ħidma partikolari naraw li:

- persuni b'nuqqas intellettwali kellhom 62 ħidma mmirata lejhom;
- persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali kellhom 57 ħidma mmirata lejhom;
- persuni b'nuqqas ta' smigħ kellhom 58 ħidma mmirata lejhom;
- persuni b'nuqqas ta' dawl kellhom 60 ħidma mmirata lejhom;
- persuni b'nuqqas ta' mobilità kellhom 70 ħidma mmirata lejhom.

Minn din l-informazzjoni nistgħu naħdmu l-persentaġġi. Għalhekk, matul l-2003, il-Kummissjoni qassmet l-isforzi tagħha skond l-ħidma tagħha hekk:

- persuni b'nuqqas intellettwali 81%
- persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali 74%
- persuni b'nuqqas ta' smigħ 75%
- persuni b'nuqqas ta' dawl 78%
- persuni b'nuqqas ta' mobilità 90%

Bla dubbju dejjem nistgħu ntejbu l-isforzi tagħna, u għalhekk aħna napprezzaw il-kritika, speċjalment meta din tkun ibbażata fuq il-fatti u msejsa fis-sinċerità. Biss, naħseb li l-fatti jitkellmu weħidhom: il-Kummissjoni qed tagħmel dak kollu li tista' tħalli, inkomplu flimkien, naħdmu biex: ĦADD ma jitħalla barra u li l-kwalità ta' ħajja titjieb għalina LKOLL, hi x'inhi l-abilità u d-diżabilità tagħna.

Insellmilkom mill-qalb.



# Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità

L-2003 giet magħżula mill-Unjoni Ewropea bħala s-Sena Ewropea tal-Persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni diġa tat rendikont ta' x' għamlet matul din is-sena sa Novembru fil-ħarġiet ta' qabel ta' Indaqs.

Fl-aħħar xahar ta' din is-sena u l-bidu tas-sena 2004, bħala parti minn din is-Sena, il-Kummissjoni organizzat:

a) Il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità;
b) Żjara Uffiċjali tal-Prim Ministru fl-Uffiċċini tal-Kummissjoni;
c) Tqassim ta' kotba dwar il-Persuni b'Diżabilità
d) Seminar dwar il-Kultura u l-Aċċessibilità.

## Gimgħa tal-Persuni b'Diżabilità

Kull sena, il-Kummissjoni torganizza ġimgħa ta' attivitajiet madwar il-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità li jiġi fit-3 ta' Diċembru. Din is-sena, din il-Ġimgħa kellha importanza akbar minħabba li din il-Ġimgha wkoll kienet l-għeluq tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità.

### Tema

It-tema magħżula għas-Sena Ewropea kienet "Flimkien Naslu". Bħala kontinwità, il-Kummissjoni għażlet is-slogan "Inkomplu Flimkien" bħala t-tema għall-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità ta' din is-sena li tkun ukoll it-tema prinċipali tal-Kummissjoni għal matul is-sena 2004.

Dan l-islogan intuża biex ikun il-qofol ta' bosta materjal pubbliċitarju li ntuża matul din il-Ġimgħa. Il-Kummissjoni ppubblikat poster li tqassam biex jtiwaħħal f'postijiet pubbliċi f'Malta u Għawdex . Saru wkoll tliet billboards, f'postijiet ċentrali ta' Malta bl-istess tema u disinn. Dawn saru fl-Imsida, il-Marsa u l-Imrieħel. L-istess tema u messaġġ intuzaw biex sar video slot li ntwera matul din il-Ġimgħa diversi drabi mill-istazzjonijiet kollha tat-televixin mingħajr ħlas.




### Messaġġi

Mezz ieħor li kull sena l-Kummissjoni tuża biex din il-Ġimgħa tilħaq l-għanijiet tagħha hi li ċ-Ċermen tal-Kummissjoni jagħmel messaġġ lill-pubbliku permezz tal-media fuq it-tema "Inkomplu Flimkien".

Fil-Jum Internnazzjonali, il-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien, l-Onor Dr Lawrence Gonzi għamel messaġġ ministerjali. Bħas-snin l-imgħoddija, il-Ministru reġa' għażel li jagħti l-opportunità li dan il-messaġġ jitwassal b'mod aktar awtentiku billi hu introduċa lill-persuna b'diżabilità biex hi stess tagħmel il-messaġġ lill-pubbliku. Din is-sena dan il-messaġġ sar mis-sinjorina Dorianne Bezzina, persuna nieqsa mis-smigħ u l-messaġġ sar bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija. L-interpretazzjoni għal-lingwa mitkellma saret mill-interpretu s-sinjorina Maria Azzopardi.

### Parlament tal-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni wkoll ħadmet biex twassal il-messaġġ tagħha fl-ogħla livelli tat-tmexxija ta' pajjiżna. Għaldaqstant ġie organizzat il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità fejn numru ta' persuni b'diżabilità jew familjari ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom ressqu l-issues tagħhom lill-membri parlamentari u lill-pubbliku ġenerali.

Din l-attività ġiet organizzata fil-Palazz, il-Belt Valletta, u kienet ippreseduta mill-Onor Carmelo Abela, Deputat Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti minħabba li l-ispeaker, l-Onor Anton Tabone, kien imsiefer. Ħames persuni ddiskutew mal-parlamentari tagħna ħames oqsma importanti li huma:

i. L-Edukazzjoni, mis-sinj Ramona Vella, persuna b'diżabilità;
ii. Ix-Xogħol, mis-sur George Vella, persuna b'diżabilità;
iii. Is-Servizzi Residenzjali, mis-sur Alfred Scicluna, ġenitur ta' persuna b'diżabilità;
iv. Is-Servizzi ta' Matul il-Jum, mis-sinj

Marthese Deguara, persuna b'diżabilità;

v. L-Informatika, mis-sur Michael Micallef, persuna b'diżabilità.

Kien hemm interventi minn sitt deputati miż-żewġ naħat tal-kamra u s-seduta ngħalqet b'interventi mill-Onor Dr. Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni u l-Onor Dr. Lawrence Gonzi, dak iż-żmien, Aġent Prim Ministru. Din l-attività intweriet dak in-nhar stess fuq TVM bil-għan li l-pubbliku wkoll ikun infurmat b'din il-ħidma. Din l-attività kienet interpretata bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija mis-sinjuri Maria Azzopardi u Noel Kenely. Għall-ewwel darba din l-interpetazzjoni ntweriet kollha fuq it-telvixin ukoll.



**Riċeviement ta' Radd il-Ħajr**

Il-Kummissjoni hi konxja li hemm diversi persuni li jaħdmu ħafna f'dan il-qasam uħud minnhom volontiera. Għalhekk, fl-okkazzjoni ta' din is-Sena Ewropea, il-KNPD organizzat riċeviment bħala radd il-ħajr lil dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur l-aktar matul din is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità. Din ir-riċeviment sar fil-foyer tal-Ministeru għall-Politka Soċjali, il-Belt, Valletta u għalih attendew fost l-oħrajn l-Onor Dr Lawrence Gonzi, l-Onor Dr Francis Agius, Segretarju Parlamentari u l-Onor Marie Louise Coleiro, Kelliem tal-Oppożizzjoni għal dan il-qasam.

## Attivitajiet mal-Assoċjazzjoni tas-Social Workers Maltin

L-Assoċjazzjoni tas-Social Workers Maltin iddeċidiet li t-tema għas-Social Workers Day ta' din is-sena tiġi ddedikata lill-qasam tal-persuni b'diżabilità. Fil-laqgħa annwali tagħhom saret diskussjoni mal-Kummissjoni fuq il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), is-servizzi tal-Kummissjoni u servizzi oħra li hawn f'dawn is-settur. Waqt din il-laqgħa ġie ppreżentat ukoll is-sett sħiħ ta' factsheets (8 b'kollox) tas-servizzi diretti tal-Kummissjoni. Din il-Laqgħa ġiet ukoll indirizzata mill-Onor. Dolores Cristina, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

Din l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kummissjoni wkoll organizzat ġurnata ta' Għoti tad-Demm. Din saret fl-uffiċini tal-KNPD f'Santa Venera u l-konkorrenza kienet waħda sodisfaċenti ħafna. Hu ppjanat li din l-attività tibqa' ssir fuq bażi regolari kull sena.

**Konferenza Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni Inklużiva**

Kull sena, matul din il-Ġimgħa l-Kummissjoni torganizza Konferenza Nazzjonali dwar tema ta' importanza. Din is-sena l-Kummissjoni organizzat din il-konferenza fuq l-Edukazzjoni Inklużiva u l-bżonn li kull student/a b'diżabilità jkollu/jkollha Programm Edukattiv Individwalizat. Din il-Konferenza tat pubbliċita mistħoqqa lid-dokument dwar din il-politika tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, l-esperjenzi ta' studenti b'diżabilità u l-ġenituri tagħhom u l-opinjoni ta' panel ta' amministraturi.

L-esperjenzi diretti ngħataw mis-sinjuri Joanne Buhagiar, Marthese Galea, Sylvia Galea u Patrick Umanah, kollha ġenituri ta' studenti b'diżabilità flimkien ma' Steven Mulvaney u Leon Sciberras, studenti b'diżabilità, ta' l-ewwel għandu nuqqas ta' smigħ waqt li t-tieni għandu nuqqas ta' vista.

L-amministraturi li tkellmu kienu s-Sur Charles Mizzi, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Fr Dominic Scerri, Delegat ta' l-Arcisqof għall-Edukazzjoni, is-Sinj. Pauline Sammut, Acting Ċermen tal-iStatementing Moderating Panel, is-Sur John Bencini, President tal-Malta Union of Teachers u Dr Carmel Borg, Dekan tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta. Din il-konferenza kienet indirizzata wkoll mill-Onor Dr. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni li ħabbar li l-Ministeru kien se jibda eżerċizzju formali ta' reviżjoni sħiħa tal-implimentazzjoni tal-politika ta' inklużjoni fl-edukazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

**Karità b'Dinjità**

Numru ta' persuni b'diżabilità, familjari tagħhom u organizzazzjonijiet tagħhom spiss esprimew il-pre-okkupazzjoni tagħhom li l-immaġini offruta mill-Media Maltija kienet waħda negattiva mibnija fuq il-miskinità u l-karità. Din in-negattività tilħaq il-quċċata tagħha f'kampaniji ta' ġbir ta' flus li jsiru l-aktar fi żmien il-Milied (eżempju l-Istrina) u fi programmi ta' kull ġimgħa (eżempju Tista' Tkun Int).

Għalhekk il-Kummissjoni flimkien mal-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità u l-Għaqda Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità organizzaw serata bit-tema Karità b'Dinjità. Matul din l-attività l-parteċipanti b'diżabilità li temmew il-kors "Semma' Leħnek" tellgħu numru ta' sketches li permezz tagħhom xtaqu juru li l-Media għandha tintuża tajjeb u b'mod dinjituż anke meta jkun hemm ġbir ta' fondi għall-persuni b'diżabilità. Wara l-preżentazzjoni ta' dawn l-isketches, kien hemm diskussjoni interessanti. Sfortunatament, ir-rappreżentanti tal-media għażlu li ma jipparteċipawx f'din l-attività, u l-uniku rappreżentant tal-media li attenda biex jara kif il-persuni b'diżabilità stess jaħsbuha fuq dan is-suġġett kien Dr Joseph Chetcuti.

Wara s-serata, il-parteċipanti ġew ippreżentati biċ-ċertifikati ta' dan il-kors. Dan il-kors hu organizzat mill-KNPD u din id-darba kien immirat lejn attivisti b'diżabilità biex huma jiġu mħarrġa fil-kapaċitajiet neċessarji ħalli huma jkunu jistgħu jmexxu l-organizzazzjonijiet tagħhom huma stess.




**Forum dwar ir-Riċerka**

Matul din is-sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità ġew organizzati żewġ studji ta' riċerka relatati mal-qasam tax-xogħol. Dawn kienu:

a) servej mill-ETC dwar ix-xogħol u l-aspirazzjonijiet u l-esperjenzi ta' persuni b'diżabilità flimkien mal-esperjenzi ta' min iħaddem;
b) studju mill-ekonomista Gordon Cordina, li ddiskuta, fost affarijiet oħra, ir-relazzjoni tal-benefiċċji soċjali tad-diżabilità u x-xogħol.

Ir-riżultati ta' dawn iż-żewġ studji ġew ippreżentati matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità waqt serata li ġiet organizzata fil-Kavalier ta' San Ġakbu. L-attività ġiet inttrodotta b'diskors tal-Onor Dr Lious Galea, Ministru responsabbli mix-Xogħol fejn spjega l-politika tal-Gvern f'dan is-settur.

Hu ttamat li fix-xhur li ġejjin ikun hemm żviluppi posittivi f'dan il-qasam anke permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

Din il-konferenza saret fil-Lukanda Westin, San Ġiljan, u kellha attendenza tajba ta' madwar 150 persuna minn kull settur ta' l-edukazzjoni inklużiva. Bħala riżultat ta' din il-konferenza, il-Kummissjoni ħejjiet dikjarazzjoni dwar il-bżonnijiet ta' dan is-settur li ġiet ippreżentata aktar tard lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Ministeru qed iżommu numru ta' laqgħat biex jaraw li l-mizuri msemmija f'din id-dikjarazzjoni, b'mod raġonevoli, jiġu implimentati.



## Żjara tal-Prim Ministru

Fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, il-Kummissjoni stiednet lill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, l-Onor Dr Eddie Fenech Adami, biex jagħmel żjara uffiċjali lill-uffiċini tal-Kummissjoni. Din saret fil-15 ta' Diċembru 2004.

Il-Prim Ministru ltaqa' mal-istaff u l-membri kollha tal-Kummissjoni fil-preżenza tal-Onor Dr Lawrence Gonzi, li dak iż-żmien kien il-Ministru responsabbli minn dan is-settur.

Imbagħad, erba' persuni b'diżabilità jew familjari tagħhom qasmu mal-Prim Ministru l-esperjenzi tagħhom f'oqsma diversi. Dawn kienu:

a) L-Edukazzjoni, mas-sinj Marchita Mangiafico, ġenitur ta' persuna b'diżabilità;
b) Is-Servizzi ta' Matul il-Jum, mas-sinj Pauline Galea, ġenitur ta' persuna b'diżabilità;
c) Is-Servizzi fil-Komunità, mas-sinj Doris Schembri, persuna b'diżabilità;
d) L-Aċċessibilità għall-Informatika u x-Xogħol, mas-sinj Josianne Gauci, persuna b'diżabilità.

Wara diskussjoni qasira, il-Prim Ministru ġie ppreżentat b'pittura, magħmula mis-sur Frans Camilleri, artist Għawdxi b'diżabilità, li pinġieha b'ħalqu u sett tal-pubblikazzjonijiet li l-Kummissjoni ħarġet għas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità.



## Preżentazzjoni ta' Kotba

Attività oħra li l-Kummissjoni organizzat fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità kienet li l-libreriji ta' l-iskejjel u dawk reġjonali jkollhom kotba tat-tfal dwar il-persuni b'diżabilità Għalhekk permezz ta' sponsorship mill-HSBC, il-Kummissjoni xtrat tliet tipi ta' kotba differenti biex jitqassmu lil dawn il-libreriji. Il-kotba kienu:

- A Different Life ta' Lois Keith
- Don't Call me Special ta' Pat Thomas
- People with Disabilities ta' Pete Sanders u Steve Meyers.

Il-preżentazzjoni uffiċjali ta' dawn il-kotba lil dawn il-libreriji saret lill-Onor. Dr. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni waqt attività li ġiet organizzata fl-iskola sekondarja Maria Assunta, il-Ħamrun. Preżenti kien hemm ukoll l-Onor. Carmelo Abela, kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni; Dr Anthony Charles, ViċiĊermen tal-Kummissjoni, is-Sur Josef Camilleri, manager tal-HSBC u s-Sur Ray Vella, Kap ta' l-Iskola.

## Seminar "Aċċessibilità għal Kultura"

Heritage Malta, bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni organizzat seminar nazzjonali bit-tema "Aċċessibilità għal Kultura". L-għan prinċipali ta' dan is-seminar kien li jiġu studjati possibilitajiet kif is-siti storiċi ta' pajjiżna jkunu aċċessibbli għal kulħadd inkluż il-persuni b'diżabilità kemm Maltin kif ukoll turisti. Dan igħodd kemm għal aspett fiżiku kif ukoll dak ta' informazzjoni.

Il-kelliem ewlieni ta' dan is-seminar kien Marcus Horley li għandu esperjenza vasta f'dan is-suġġett u kieni l-konsulent ewlieni biex it-Tate Gallery ta' Londra ssir aċċeissibbli għal kulħadd. Kelliema oħra ta' dan is-seminar kienu Dr Anthony Pace, is-superidentent għal Ħarsien tas-Siti Storiċi, is-sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, is-sinj Antoinette Caruana, Chief Executive ta' Heritage Malta, il-Perit tal-Kummissjoni, Dr Jospeh Spiteri, Suzannah Depasquale, minn Heritage Malta u l-Onor Jesmond Mugliette, dak iż-żmien Ministru taż-Żgħażagħ u l-Kultura.

Is-seminar kellu attendenza tajba u hu ttamat li dan ikun il-bidu ta' ħidma akbar biex il-kultura f'pajjiżna tkun verament aċċessibbli għal kulħadd.

# Reklutaġġ mas-Servizz Pubbliku

Wara ħafna xhur ta' diskussjonijiet, il-Kummissjoni, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku laħqu ftehim biex fir-reklutaġġ mas-Servizz Pubbliku, ikun hemm dak il-bdil raġonevoli li joffri opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità skond kif titlob l-istess Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Għal dan il-għan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħareġ ċirkulari (MPO 39/2004) li tispjega dan.

F'kull applikazzjoni għal Reklutaġġ mas-Servizz Pubbliku issa għandek issib dawn iż-żewġ paragrafi:

"Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil ragonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2000 dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), ankè jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD."

Dan ifisser li persuna b'diżabilità li tixtieq tapplika għal impjieg mal-Gvern u ma għandhiex il-kwalifiċi kollha mitluba, imma li tħoss li tkun kapaċi tagħmel dak ix-xogħol, tista' tapplika u l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata.

Persuni b'diżabilità li jridu jagħmlu użu minn din il-proċedura ġdida għandhom isewgu dawn il-passi:

- Mal-applikazzjoni ikteb ittra li fiha:
  - Għid li inti persuna b'diżabilità rreġistrat/a mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;
  - Spjega li inti qed titlob bdil raġonevoli skond iċ-ċirkulari MPO 39/2004, jew skond il-paragrafu li jitkellem dwar bdil raġonevoli li jkun hemm fis-sejħa ta' applikazzjoni li fuqha tkun qed tapplika (ara hawn fuq);
  - Spjega x'inhi d-dizabilità tiegħek u x'tip ta' bdil raġonevoli qed titlob;
  - Spjega ċar li inti kapaċi tagħmel ix-xogħol li qed tapplika għalih.

- Ma' din l-ittra ehmeż ukoll fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Speċjali tiegħek (l-ID is-safra maħruġa mill-Kummissjoni);

- Kopja ta' din l-ittra flimkien ma' kopja tas-sejħa għall-applikazzjoni ibgħatha lid-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni.

# Protezzjoni ta' l-Informazzjoni Personali

Il-Kummissjoni hi marbuta bil-Liġi Opportunitajiet Indaqs li tħares il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tiġbor dwar persuni b'diżabilità. Issa dan l-obbligu kiber minħabba l-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Data. Għal dan il-għan il-Kummissjoni ħadet diversi miżuri fosthom:

**a) Bdil fl-Applikazzjonijiet għal Servizzi tal-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni qed tippjana li tiġbor fi ktejjeb wieħed l-applikazzjoniet kollha tal-Kummissjoni inkluż il-Kwestjonarju. Il-Kwestjonarju se jkun ħafna iqsar. Dan ifisser li l-applikazzjonijiet se jkunu ħafna iqsar, se jitolbu inqas informazzjoni u mhux se jkun hemm ripetizzjonijiet. Hu ttamat li dawn l-applikazzjonijiet jibdew jiġu użati fi żmien qasir.

**b) Permess biex tintbagħat Informazzjoni**
Kif tafu, minn żmien għal żmien il-Kummissjoni tibgħat informazzjoni bil-posta lill-persuni b'diżabilità li huma reġistrati magħha. Din l-informazzjoni tista' tkun

- tal-Kummissjoni stess, per eżempju dan il-fuljett stess; jew
- informazzjoni mingħand entitajiet jew persuni oħra, per eżempju, kunsilli lokali, kappillani, studenti, eċċ.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tibqa' tagħmel dan għandha bżonn il-permess ta' dawn il-persuni. Għalhekk ma' dan il-fuljett għandkom isibu ittra biex jekk intom ma tridux tibqgħu tirċievu din l-informazzjoni, timlewha u tibagħtuha lill-Kummissjoni.



# Semma' Leħnek Persuni b'Diżabilità Intellettwali

Din is-sena, il-kors Semma' Leħnek qed isir għal persuni b'diżabilità intellettwali. Qed jieħdu sehem ħmistax-il persuna li qed jagħmlu kors dwar:

- Id-drittijiet tagħhom
- Ix-xewqat taghhom
- Kif jitkellmu għalihom infushom
- Kif jitkellmu fuq it-TV u r-radju
- Kif jgħinu lil xulxin
- Kif jaħdmu flimkien

Il-parteċipanti qalu hekk dwar x'qed jagħmlu f'dan il-kors:



**F'DAN IL-KORS GĦAMILNA ĦAFNA AFFARIJIET, FOSTHOM:**

- **Tkellimna flimkien dwar**
  - Dak li jogħġobna
  - Dak li jdejjaqna
  - Il-familji tagħna
  - Il-ħajja tagħna
  - Id-drittijiet tagħna
- **Pinġejna u sibna stampi fuq dak li tkellimna dwaru**
- **Lgħabna logħob flimkien**
- **Tgħallimna dwar kif nitkellmu:**
  - Quddiem ħafna nies
  - Fuq it-TV
  - Fuq ir-radju



**Barra minn hekk:**

- Ħriġna nieklu flimkien
- Ħadna ritratti
- Għamilna ħbieb ġodda

**X'jaħsbu l-parteċipanti dwar dan il-kors:**

- Meta smajt dwar il-kors mill-ewwel għedt iva
- Din hi l-ewwel darba li attendejt kors
- Għall-ewwel kont nistħi nitkellem imma issa drajt
- Nixtieq li nibqgħu niltaqgħu
- Dejjem nistenna l-ġurnata u l-ħin tal-kors

# Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

L-obbligu prinċipali tal-Kummissjoni hi li tara li ma ssirx diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità. Għalhekk hi tilqa' lmenti ta' diskriminazzjoni, teżaminahom u tipprova ssolvihom. L-ilmenti prinċipali li l-Kummissjoni qed taħdem fuqhom huma dawn:

## Il-Qasam Edukattiv

### Accessibilità fl-Iskejjel

Il-Kummissjoni hi infurmata li l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada għandha programm biex numru ta' skejjel isiru fiżikament aċċessibbli għal kulħadd l-aktar dawk l-iskejjel fejn hemm studenti b'diżabilità fiżika. Sfortunatament, din il-Fondazzjoni kellha problemi kbar amministrattivi u allura dan il-programm waqa' lura. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex l-edukazzjoni ta' studenti b' diżabilità ma tbatix minħabba problemi ta' aċċessbilità fiżika fl-iskejjel.

### Mediċina fl-Iskejjel

Problema oħra kbira li wħud mill-istudenti b'diżabilità qed jiffaċċjaw hi l-għoti ta' mediċina fl-iskejjel regolari. Il-Kummissjoni u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni waqqfu task group żgħir biex jeżamina din il-problema u jagħmlu rapport lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Hu ttamat li dan ir-rapport ikun lest fil-ġimgħat li ġejjin biex wara jiġi diskuss mal-partijiet kollha konċernati u eventwalment implimentat.

### Meta tkun Assenti l-Facilitator

Il-Kummissjoni għadha tirċievi ilmenti ta' problemi meta l-Facilitators tkun, għal xi raġuni, assenti. Xi drabi l-istudenti b'diżabilità jintbagħtu d-dar. Dan qed jiġri l-aktar fl-iskejjel tal-Knisja għax għall-iskejjel ta' l-istat hemm numru ta' facilitators każwali li jissostitwixxu l-facilitators assenti. Il-Kummissjoni qed titlob li jkun hemm soluzzjoni simili għall-iskejjel tal-Knisja.

Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet mal-Malta Union of Teachers biex tiġi ċċarata l-posizzjoni f'sitwazzjoniet bħal dawn. Hemm qbil bejn il-Kummissjoni u l-MUT li:

- meta l-facilitator tkun assenti l-għalliema ma jistgħux jaċċettaw ir-responsabilità ta' studenti li għandhom bżonn ta' facilitators one-to-one;
- f'dawn il-każijiet, meta l-facilitator tkun assenti, għandha tiġi sostitwita minn fost grupp ta' facilitaors oħra.

## Xogħol

### Forzi Armati

Il-Kummissjoni kompliet tinvestiga l-ilment ta' tkeċċija ta' suldat mill-Forzi Armati ta' Malta. Minħabba li l-Armata naqset li tgħaddi informazzjoni lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni ppreżentat protest ġudizzjarju fil-Qorti. Dan ġie mwieġeb mill-Avukat tar-Repubblika u din l-informazzjoni ngħatat. Il-Kummissjoni qed tkompli bid-diskussjoni fuq dan il-każ.

### Pulizija

Il-Kummissjoni kompliet tinvestiga l-ilment li applikazzjoni għall-ingaġġ ta' spettur ma ntlaqgħetx minħabba diżabilità.

# Servizz Għajnuniet Speċjali

Il-Kummissjoni tipprovidi s-Servizz Għajnuniet Speċjali bil-għan li tagħti pariri u toffri għajnuna finanzjarja ħalli persuna b'diżabilità tkun tista' tixtri apparat li jgħinha tgħix ħajja aktar indipendenti.

Biex inkunu nistgħu nagħmlu dan b'mod aktar professjonali, il-Kummissjoni issa għandha s-servizz tas-sinjorina Vicki Sciberras li barra li hi occupational therapist hi wkoll persuna b'diżabilità. Vicki qed tmexxi dan is-servizz bis-sapport ta' Mary Kay Zammit.

Barra minn hekk il-Kummissjoni ħasset il-bżonn li wara diversi snin ikun hemm bidla f'uħud mill-membri tal-bord li jeżamina talbiet għal din l-assistenza finanzjarja. Il-bord il-ġdid hu kompost minn uffiċjal pubbliku li hu ċ-ċermen, tabib, occupational therapist, żewġ persuni b'diżabilità u żewġ ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom.

Sfortunatament il-progress fuq dan il-każ miexi bil-mod u l-Kummissjoni qed tistudja serjament li tieħu passi legali oħra.

**Lombard Bank**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li dan il-bank qed jitlob lil xi impjegati tiegħu informazzjoni medika dwar id-diżabilità. Il-Bank stqarr li din l-informazzjoni hi volontarja u għal skopijiet ta' assigurazzjoni. Il-Kummissjoni talbet li ssir laqgħa bejn iż-żewġ naħat biex tinstab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun.

## Aċċess Fiżiku

**Ħwienet li Jbigħu Apparat għall-Persuni b'Diżabiltà**

Il-Kummissjoni qed tkompli bil-kawżi li għandha kontra d-ditti Invicta u Peresso peress li dawn ibigħu apparat għal persuni b'diżabilità minn postijiet mhux aċċessibbli. Sfortunatament dawn il-kawżi għadhom għaddejjin u qed jieħdu ħafna żmien.

**Lukandi**

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti dwar nuqqas ta' aċċess fl-entratura prinċipali u fil-faċilitajiet sanitarji tal-Lukandi Les Lapins u Phoenicia, kif ukoll għall-Ballroom tal-Lukanda Phoenicia. Dawn iż-żewġ lukandi t-tnejn wiegħdu li se jagħmlu x-xogħol meħtieġ, però naqsu minn kelmthom.

Fil-każ tal-Lukanda Les Lapins il-Kummissjoni fetħet kawża. Minħabba li din il-lukanda għalqet, il-management aċċettat li jħallas li spejjeż li kienu saru u l-kawża ġiet irtirata.

Fil-każ tal-Lukanda Phoenicia, il-Kummissjoni għamlet protest ġudizzjarju u fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet biex jintlaħaq ftehim ġdid flok il-każ jispiċċa l-qorti.

**Dar l-Istudent**

Minkejja li l-Università taċċetta li Dar l-Istudent mhix aċċessibbli u li għandha pjanijiet biex din isir aċċessibbli, l-Università ma tridx tagħti termini ta' żmien raġonevoli meta dan se jsir. Il-Kummissjoni fetħet kawża fil-qorti kontra l-Università dwar dan il-każ.

**Il-Knejjes Parrokkjali tal-Mosta u Bormla**

Il-Kummissjoni ilha snin taħdem biex dawn iż-żewġ knejjes parrokkjali jkollhom l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd. Fil-każ tal-knisja ta' Bormla jidher li qed isir progress anke bil-għajnuna tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Cottonera. Fil-każ tal-knisja tal-Mosta reġgħu tfaċċjaw il-problemi. Il-Kappillani l-ġdid ta' din il-paroċċa qed jipproponi pjanta ġdida. Minkejja diversi talbiet, dan il-kappillan għadu ma ta l-ebda informazzjoni bil-miktub lill-Kummissjoni. Peress li din il-kwistjoni ilha sejra xhur sħaħ il-Kummissjoni, b'dispjaċir, se jkollha tirrikorri għall-qorti ankè kontra l-Knisja.

**Ċentru tas-Saħħa**

Il-Kummissjoni ħadmet biex iċ-Ċentri tas-Saħħa jkunu fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. L-uniku Ċentru li mhux aċċessibbli hu dak tal-Gżira. Minkejja li d-Diviżjoni tas-Saħħa xtrat lift, dan ma setax jitwaħħal minħabba kwistjoni legali mas-sidien. Il-Kummmissjoni se tkompli taħdem biex din il-problema tiġi solvuta.

**Blue Sticker fl-Imdina**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li persuni b'diżabilità li għandhom il-Blue Sticker ma jistgħux jidħlu l-Imdina u li ma hemm l-ebda parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fiżika fl-Imdina. Il-Kummissjoni kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex din il-problema tiġi solvuta.

## Servizzi

Il-Kummissjoni għadha għaddejja bil-kawża konta l-kinpanija SBT minħabba li din qed tirrifjuta li tagħti permess lill-Kumisssjoni biex tiċċirkola n-numru tat-telefon tal-mobile biex ikun jista' jintuża minn persuni neqsin mis-smigħ.

# Baġit Finanzjarju

Kull sena, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Gvern il-proposti tagħha li tħoss li għandhom jiġu inklużi bil-baġit finanzjarju tal-pajjiż. Din is-sena hi għamlet l-istess. Barra minn hekk dawn il-proposti ġew ippreżentati wkoll lill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Din is-sena l-Kummissjoni reġgħet iffukat fuq żewġ oqsma li dehrilha li għandhom ikollhom finanzjament qawwi għas-sena 2004. Dawn huma:

- Is-Servizzi ta' Matul il-Jum;
- Is-Servizzi Residenzjali.

Wara l-baġit, il-Kummissjoni tat ir-reazzjonijiet tagħha għall-baġit li kienu dawn:

- rigward is-Servizzi ta' Matul il-Jum il-problema immedjata tal-persuni b'diżabilità li kienu qed jistennew dan is-servizz ġiet solvuta. Però għad baqa' dubju serju dwar x'se jiġri meta, f'Ottubru li ġej, jispiċċa grupp ieħor ta' adulti b'diżabilità mill-iskejjel speċjali li jkollhom bżonn dan is-servizz;
- rigward is-Servizzi Residenzjali tal-Aġenzija SAPPORT, il-fondi allokati għas-sena 2004, filwaqt li juru żieda żgħira, ma kinux biżżejjed lanqas biex ikopru l-ispejjeż eżistenti u għalhekk ma kienx jista' jsir żvilupp f'dan il-qasam.

Il-Kummissjoni, fil-waqt li għarfet il-progess kbir li sar f'dawn iż-żewġ oqsma f'dawn l-aħħar snin, tkompli tinsisti li hemm bżonn li jiżdiedu l-fondi. Hemm bżonn ukoll li jiġi assigurat li jsir l-aħjar użu mill-fondi eżistenti.

# Aċċess Fiżiku



## Review Panel tas-Servizz Reserved Parking

F'Mejju 2003, l-Awtorità dwar it-Trasport bdiet jamministra hi stess is-servizz tar-Reserved Parking quddiem residenzi ta' persuni li għandhom diżabilità severa ta' mobilità. Ir-Review Panel li jeżamina talbiet minn persuni b'diżabilità jew Kunsilli Lokali li jitolbu reviżjoni ta' deċiżjonijiet ta' l-Awtorità relatati ma' dan is-servizz beda jiġi amministrat mill-Kummissjoni.

Fil-bidu ta' din is-sena, inqalgħu ċerti problemi amministrattivi li minħabba fihom ir-Review Panel ma setax jopera għal xi xhur. Fortunatament wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità dawn il-problemi ssolvew u issa dan il-Panel rega' beda jiffunzjona. Dan il-Panel għad għandu numru ta' talbiet pendenti li qed isir kull sforz biex dawn jiġu deċiżi fl-iqsar żmien possibbli.

## Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendenti

Fl-1996, il-Kummissjoni flimkien mal-Fondazzjoni Ħajja Indipendenti daħlu bi sħab biex titwaqqaf il-Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendenti. L-għan ta' din il-Fondazzjoni kien li tipprovdi servizz speċjalizzat lill-persuni b'diżabilità u joħloq kuxjenza dwar il-bżonn ta' trasport aċċessibbli għal kulħadd.

Din il-Fondazzjoni permezz ta' għotja annwali mogħtija mill-Kummissjoni, ipprovdiet dan is-servizz li n-numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità l-aktar għal skopijiet ta' edukazzjoni, taħriġ u impjieg. Sfortunatament, din il-Fondazzjoni fil-preżent għaddejja minn diversi problemi finanzjarji u amministrattivi, inkluż il-fatt li għandha żewġ vannijiet bil-ħsara u kellha ieħor li ġratlu ħsara kbira minħabba l-maltempata ta' Settembru 2003.

Il-Bord ta' din il-Fondazzjoni, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ħatar lis-sur Fred Bezzina biex ikun kontrollur temporanju ta' din il-Fondazzjoni bil-għan li jassigura li dan is-servizz ikompli bl-aktar mod effettiv u effiċjenti possibbli. Din il-ħidma ta' salvataġġ diġà bdiet u l-Kummissjoni se tagħmel dak kollu possibbli biex dan is-servizz ikompli jingħata u possibilment jespandi skond il-bżonnijiet reali tal-persuni b'diżabilità li għandhom bżonnu.

### Postijiet Riservati għall-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni kienet ilha tippjana biex ikollha lista aġġornata tal-postijiet kollha pubbliċi riservati għall-persuni b'diżabilità li għandhom il-Blue Sticker biex hekk huma jkunu jafu fejn hemm dawn il-postijiet. Lista bħal din tgħin ukoll lit-turisti b'diżabilità li jiġu Malta għall-vaganzi tagħhom.

Wara ħidma qawwija mal-Kunsilli Lokali, din il-lista saret. Il-Kummissjoni, anke bħala parti mill-attività għas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, laħqet ftehim biex dawn il-postijiet jiġu inklużi fil-mapep tal-ktieb mAZe ppubblikat mis-sur Frans Attard. Din il-pubblikazzjoni saret u ġiet ippreżentata lill-pubbliku permezz ta' Konferenza stampa organizzata mill-Kummissjoni fil-preżenza tal-Onor. Censu Galea, dak iż-żmien Ministru tat-Trasport u Telekomunikazzjonjiet. Kopja ta' din il-lista tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-website tal-Kummissjoni: www.knpd.org.




## Bdil tal-Blue Sticker

Il-Kummissarju tal-Pulizija fuq rakkomandazzjoni tal-Kumissjoni toħroġ permess, f'Malta magħruf bħala l-Blue Sticker, lill-persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità biex huma jkunu jistgħu jipparkjaw f'postijiet riservati għalihom. L-amministrazzjoni kollha neċessarja biex joħroġ dan il-permess issir mis-Segretarjat tal-Kummissjoni.

L-Unjoni Ewropea ħarġet gwida lill-pajjiżi membri tagħha biex dan il-permess ikun wieħed komuni għal dawn il-pajjiżi kollha. B'hekk dan il-permess ikun jista' jintuża mal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kollha.

Il-Kummissjoni ddeċidiet, wara konsultazzjoni ma' dawk kollha konċernati, li tibdel dan l-istiker ħalli jiġi konformi ma' tal-pajjiżi Ewropej. Għal dan il-għan il-Kummissjoni bdiet eżerċizju biex tibgħat għall-persuni b'diżabilità, titlobhom żewġ ritratti u l-firma tagħhom, biex hi tkun tista' toħroġ dan il-permess ġdid.

Il-Kummissjoni qed tibgħat hi stess għall-persuni b'dizabilità meta għandhom jiġu biex jibdlu l-Blue Sticker. Hu importanti li dawn jiġu meta jirċievu l-ittra tal-Kummissjoni. Il-Blue Sticker l-antika u dik ġdida se jibqgħu validi t-tnejn sakemm ikunu nbidlu l-Blue Stickers l-antiki kollha u l-Kummissjoni toħroġ avviż pubbliku biex tħabbar dan.

Hu ttamat li permezz ta' dan l-eżerċizzju jinqatgħu ċerti abbużi ta' persuni li jużaw dan il-permess mingħajr ma għandhom dritt jagħmlu dan minħabba li issa dan il-permess jinkludi r-ritratt u l-firma tal-persuna b'diżabilità. Il-Kummissjoni qed terġa' tħeġġeġ lill-pubbliku biex ma jipparkjawx f'dawn il-postijiet riservati għall-persuni b'diżabilità jekk mhumiex intitolati għal dan u anke titlob lill-pulizija u l-wardens jieħdu l-passi kollha neċessarji kontra kull minn b'xi mod qed jabbuża minn dan is-servizz.

# Pubblikazzjonijiet tal-KNPD

## Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni għadha kemm ħarġet ir-raba' edizzjoni tal-ktejjeb "Servizzi u Beneffiċċji għall-Persuni b'Diżabilità". Dan il-ktejjeb hu ġabra dettaljata tas-servizzi li s-soċjetà tagħna toffri lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. L-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktejjeb ħarġet mill-Kummissjoni fl-1994. F'dan il-ktejjeb wieħed isib ukoll indirizzi, telefons, faxes u indirizzi tal-email minn fejn tkun tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar dawn is-servizz.

Wieħed jista' jikseb dan il-ktejjeb mill-uffiċini tal-Kummissjoni f'xi wieħed minn dawn il-formati:

- stampat b'tipa regolari bil-Malti
- stampat b'tipa regolari bl-Ingliż
- fotokopja b'tipa kbira bil-Malti
- fotokopja b'tipa kbira bl-Ingliż
- audio bil-Malti.

Verżjoni bil-Malti u bl-Ingliż tinstab ukoll fuq il-webpage tal-Kummissjoni: www.knpd.org




## National Survey

It-Tielet Edizzjoni tas-Servej Nazzjonali 2003 dwar il-Persuni b'Diżabilità ġie ppreżentat lill-pubbliku u lill-istampa fil-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità 2003, jiġifieri fit-3 ta' Diċembru. Dan is-servej hu bbażat fuq it-tweġibiet li l-klijenti jagħtu lill-Kummissjoni meta jimlew il-kwestjonarju tagħhom. Din il-pubblikazzjoni, li ġiet ippreparata minn Dr Joe Pace u s-sur Fred Bezzina, toffri statistika importanti kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq dak lokali.

Għal din il-preżentazzjoni kien hemm preżenti l-Onor. Dolores Cristina, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

Din il-pubblikazzjoni bl-Ingliż tista' tinkiseb bla ħlas mill-uffiċini tal-Kummissjoni u tinsab ukoll fuq il-webpage tal-Kummissjoni www.knpd.org.




## Parteċipazzjoni Barra minn Malta

Il-Kummissjoni hi konvinta li l-persuni b'diżabilità, l-uffiċjali tagħha u dawk li jaħdmu f'dan is-settur għandhom iżommu ruħhom infurmati b'dak li qed jiġri f'dan il-qasam barra minn Malta possibilment b'mod dirett permezz ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet barra minn Malta. Parteċipazzjoni bħal din tgħin ukoll biex il-persuni involuti jkomplu jiżviluppaw lilhom infushom personalment.

Għaldaqstant il-Kummissjoni tieħu kull okkażjoni biex tinnomina persuni biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat u tara li din il-parteċipazzjoni tinvolvi sal-massimu possibbli persuni b'diżabilità differenti.

Għal dan il-għan il-Kummissjoni pparteċipat f'din il-ħidma barra minn Malta

### Seminar Ewropew dwar il-Liġi tal-Kwota u l-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni rċeviet stedina biex tieħu sehem f'seminar organizzat mill-European Disability Forum (EDF) dwar is-sistema ta' kwota għal persuni b'diżabilità fil-qasam tal-impjieg. Minħabba l-involviment qawwi tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ f'dan is-settur, il-Kummissjoni rriferiet din l-istedina lil din il-Korporazzjoni li min-naħa tagħha nnominat lis-sinj Jennifer Debono biex tattendi dan is-seminar li sar f'Ateni l-Greċja.

### Wara l-2003 - Is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità: x'inhuma l-isfidi għal Soċjeta Aktar Inklussiva?

Dr. Tony Charles, Viċi Ċermen tal-Kummissjoni attenda konferenza bit-tema "Wara l-2003 - Is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità: x'inhuma l-isfidi għal Soċjetà aktar inkluživa?". Din il-konferenza ta' tlett ijiem ġiet organizzata bħala l-għeluq uffiċjali tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità f'Ruma minħabba li l-Italja kellha l-presidenza tal-Kunsill tal-Ministri. Il-konferenza ffokat fuq kif in-

# Ħidma Internazzjonali

non diskriminazzjoni u l-azzjoni pożittiva jistgħu jinfluwenzaw il-prospetti għall-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom fil-livelli kollha tal-ħajja. Il-Konferenza ttrattat ukoll l-isfidi li għandha s-soċjetà Ewropea fit-tielet millennju fejn jidħlu l-oqsma tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

**Opportunitajiet Edukattivi u Vokazzjonali għal Kulħadd**

Is-Sinjura Anne-Marie Callus, uffiċjal fis-segretarjat tal-Kummissjoni inkarigata mill-affarijiet Ewropej, attendiet konferenza f'Reykjavik, l-Islanda, dwar "Opportunitajiet Edukattivi u Vokazzjonali għal Kulħadd". Din il-konferenza kienet tittratta esperjenzi u informazzjoni miksuba minn proġetti minn organizzazzjoniet diversi Ewropej li saru permezz tal-finanzjament tal-programm vokazzjonali Leonardo tal-Unjoni Eweropea. Dawn il-proġetti kollha kellhom l-għan li jiftħu aktar is-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità.

**Seminar Interkulturali dwar iż-Żgħażagħ u d-Diżabilità - involviment dirett minn persuni b'inqas opportunitajiet**

Il-Kummissjoni nnominat lis-Sinjuri Lara Buttigieg, Ramona Cassar (persuni b'diżabilità fiżika) u Rita Calleja, assistenta personali, biex jieħdu sehem f'seminar interkulturali għaż-żgħażagħ b'diżabilità bit-tema "Iż-Żgħażagħ u d-Diżabilità - Involviment dirett ta' żgħażagħ li għandhom inqas opportunitajiet". Dan is-seminar sar f'Calabria, l-Italja f'Marzu 2004 u permezz tiegħu l-parteċipanti, inklużi dawk Maltin, setgħu jiddiskutu l-esperjenzi tagħhom u jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw ideat dwar kif jistgħu jaħdmu flimkien għal dinja aktar ġusta ma' kulħadd, inklużi l-persuni b'diżabilità.

**Kooperazzjoni Teknika u l-Qasam tal-Persuni b'Diżabilità**

Fuq stedina tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Taljan, Malta ħadet sehem f'seminar li sar f'Ruma dwar il-Kooperazzjoni Teknika u l-Qasam tal-Persuni b'Diżabilità. L-għan ta' dan is-seminar kien li l-ħidma tal-pajjiżi diversi Ewropej favur l-iżvilupp tal-oqsma tad-diżabilità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tingħata importanza akbar u tkun ikkoordinat. Għalkemm il-kontribut li Malta tista' toffri dan is-settur, f'termini finanzjari hu wieħed limitat, ġew esplorati l-possibilitajiet li Malta tidħol bi sħab ma' pajjiżi oħra biex tagħti l-kontribut limitat tagħha fuq il-livell ta' riżorsi umani. Għal dan is-seminar attendew Iċ-Cermen u d-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni, is-sinjuri Joe Camilleri u Fred Bezzina.

**Ippjanar b'Diversità**

L-Assoċjazzjoni Slovena ta' Studenti b'Diżabilità (DSIS) organizzat seminar għal żgħażagħ b'diżabilità dwar il-programm Youth tal-Unjoni Ewropea u kif żgħażagħ b'diżabilità, l-aktar dawk li ġejjin mill-pajjiżi li huma membri ġodda tal-Unjoni, jistgħu jiggwadanjaw minnu. Is-seminar, bit-tema "Ippjanar b'Diversità" li sar f'Izola, is-Slovenja bejn is-6 u d-9 ta' Mejju 2004. Il-Kummissjoni kienet mistiedna tibgħat rappreżentant Malti. Is-Sur Joseph Stafrace, żgħażugħ b'diżabilità u s-Sur Ronald Caruana, assistent personali rrappreżentaw lil Kummissjoni. Flimkien mal-parteċipanti l-oħra huma ddiskutew ideat għal progetti nazzjonali u multi-nazzjonali li jistgħu jitwettqu kif ukoll id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom. Interessanti kif ħafna minn dawn il-problemi huma komuni. Ġew diskussi

**Kamp għaż-Żgħażagħ - L-Ewropa u ż-Żgħazagħ b'Diżabilità**

Is-Sinjuri Keith Callus, Leon Sciberras (persuni b'diżabilità) u Maria Azzopardi (interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija) ħadu sehem f'Kamp għaż-Żgħażagħ li sar f'Oporto l-Portugall. Dan il-kamp, bl-isem "L-Ewropa u ż-Żgħażagħ b'Diżabilità", ħadu sehem fih żgħażagħ b'diżabilità minn diversi pajjiżi Ewropej li ddiskutew id-diffikultajiet li huma jiltaqgħu magħhom fis-soċjetà. Il-parteċipanti ngħataw ukoll informazzjoni prattika dwar kif huma jew l-organizzazzjoni li jirrappreżentaw jistgħu japplikaw għal fondi biex imexxu proġetti permezz tal-Programm Youth tal-Unjoni Ewropea.



ukoll soluzzjonijiet differenti kif dawn il-problemi jistgħu jintgħelbu biex hekk iż-żgħażagh b'diżabilità jistgħu jibbenefikaw aktar mill-programm Youth u programmi simili.

### Laqgħa dwar il-Konvenzjoni dwar il-Persuni b'Diżabilità

Fil-preżent, il-Ġnus Magħquda għaddejja b'diskussjonijiet biex titfassal Konvenzjoni ġdida dwar id-drittijiet ċivili tal-persuni b'diżabilità. Din il-Konvenzjoni se tiġi diskussa fit-tul f'laqgħa li se ssir fil-Kwartieri tal-Ġnus Magħquda fi New York, f'Ġunju 2004. L-Unjoni Ewropea sejħet żewġ laqgħat preparatorji għall-uffiċjali għolji governattivi tal-istati membri biex tipprepara l-pozizzjoni tagħha dwar il-konvenzjoni. Malta giet mistiedna tattendi dawn il-laqgħat. Il-Kummissjoni attendiet l-ewwel laqgħa li saret fi Brussels, permezz tal-uffiċjal tagħha s-Sinjura Anne-Marie Callus. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni hi kompletament favur din il-konvenzjoni.

### Laqgħat tas-Sotto-Kumitati tal-MEUSAC

Il-Kummissjoni rċeviet stedina biex tieħu sehem fil-laqgħat tas-sotto-kumitati tal-Malta European Union Steering and Action Committee (MEUSAC). Il-Kummissjoni aċċettat din l-istedina u nnominat lis-sur Gordon Cardona B.A., persuna b'diżabilità, biex ikun ir-rappreżentant tagħha. Il-Kummissjoni diġà ħadet sehem b'mod atttiv f'dawn is-sotto-kumitati:

- Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni;
- Impjieg u Politika Soċjali;
- Ġustizzja u Affarijiet Interni; u
- Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura.

### Elezzjoniet għall-Parlament Ewropew

Fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li se jsiru f'Ġunju 2004, il-Kummissjoni ħadet ħsieb li tissensibilizza lill-kandidati u l-partiti li se jipparteċipaw f'dawn l-elezzjonijiet dwar l-issues relatati mal-qasam tal-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni segwiet l-pariri mogħtija mill-European Disability Forum lill-kapijiet tal-partiti u lill-kandidati kollha li se jikkontestaw dawn l-elezzjonijiet u bagħtitilhom il-Manifest tal-European Disability Forum u dettalji mill-manifesti tal-gruppi parlamentari Ewropej fejn jidħol il-qasam tal-persuni b'diżabilità.

Żewġ kandidati diġà ddikjaraw li huma jaqblu ma' dan il-manifest u kitbu artiklu f'dan is-sens fil-gazzetti lokali.

Il-Kummissjoni bagħtet ukoll ittra lill-Kummissjoni Elettorali dwar l-importanza tal-aċċesssibilità għal dawn l-elezzjonijiet għall-persuni kollha b'diżabilità u lill-għaqdiet li jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità sabiex jagħmlu pressjoni fuq il-Kummissjoni Elettorali biex tiżgura din l-aċċessibilità.

### Laqgħa mal-Prim Ministru l-Ġdid

Mal-ħatra tiegħu bħala Prim Ministru l-ġdid ta' Malta, l-Onor Dr Lawrence Gonzi beda serje ta' laqgħat mas-Soċjetà Ċivili. Il-laqgħa mal-Kummissjoni saret kmieni bil-bidu ta' Mejju, 2004. Waqt din il-laqgħa, l-Onor Gonzi wera s-sodisfazzjon tiegħu għal ħidma li qed tagħmel il-Kummissjoni u għal progress li sar u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli f'din il-ħidma ankè fid-dawl tal-opportunitajiet ġodda li għandha Malta bid-dħul tagħha fl-Unjoni Ewropea.

Is-Sur Camilleri qabel li f'dan is-settur sar ħafna progress però sostna li għad fadal ħafna x'isir biex il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikollhom opportunitajiet indaqs. Għal dan il-għan hu ppreżenta memo lill-Prim Ministru bi tmien oqsma ta' prijorità li l-Kummissjoni tixtieq li l-Gvern jikkonċentra fuqhom. Dawn huma:

- Pjan ta' Ħidma;
- Is-Servizzi Residenzjali fil-Komunità
- Servizzi ta' Matul il-Jum għal Adulti b'Diżabilità
- L-Edukazzjoni Speċjali
- L-Impjieg tal-Persuni b'Diżabilità
- Il-Liġi dwar il-Guardianship
- Aċċessibilità għad-dritt tal-Vot
- Aċċess għall-Informatika.

Il-Kummissjoni, fil-waqt li tawgura lill-Onor Gonzi fil-kariga l-ġdida tiegħu, tawgura ukoll li l-ħidma li hu għamel għal ħafna snin bħala Ċermen tal-Kummissjoni tgħin biex il-qasam tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom jingħata l-importanza li jixraqlu.





# Aċċessibiiltà għall-Informatika

Sa mill-bidu tagħha fl-2001, il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA) fittxet li żżid l-għarfien dwar l-aċċessibilità fl-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT), speċjalment fost il-professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam.


STANLEY M. DEBONO

*Koordinatur Eżekuttiv*
*Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA)*
*www.knpd.org/mittsfita*


Illum il-web developers għandhom aċċess għal linji gwida dwar l-aċċessibilità, per eżempju għal persuni li għandhom nuqqas ta' dawl. Dan ifisser li sar ħafna aktar faċli għalihom li jimplimentaw dawn il-linji gwida. Min-naħa l-oħra, ħafna web developers isibuha diffiċli biex jimplimentaw punti li jħarsu l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità intellettwali. Għalhekk, dawn spiss iżommu mal-ġeneriku, billi jittrattaw diżabilità intellettwali tkun xi tkun, bħala illitteriżmu u nuqqas ta' intelliġenza.

Id-diżabilitajiet intellettwali (cognitive impairments) iħaddnu firxa wiesgħa ta' abilitajiet differenti li jinkludu memorja, perċezzjoni, soluzzjoni ta' problemi (problem solving), u bini ta' kunċetti ta' ħsieb (conceptualization). Diżabilitajiet intellettwali huma spiss lokalizzati. Jiġifieri, fejn ikun hemm nuqqas f'xi funzjoni, funzjonijiet oħrajn jistgħu jkunu fil-firxa msejħa normali jekk mhux aħjar ukoll. Spiss diżabilitajiet intellettwali jiżviluppaw ukoll bħala parti mill-proċess tax-xjuħija tagħna.

Fost il-ħsibijiet ewlenin dwar il-ħtieġa għal aċċessibilità fl-informatika għal persuni li għandhom diżabilità intellettwali, insibu dawn iż-żewġ punti:

- **Web developer jista' jagħżel li jeskludi persuni b'diżabilità intellettwali mill-udjenza jew klijentela potenzjali tiegħu.**
  Stqarrija li tgħid li l-udjenza tal-website partikolari jrid ikollha ċertu livell ta' intelligenza ftit tagħmel sens. Is-sintomi ta' diżabilità intellettwali rari jkunu ovvji l-aktar meta jkunu parti mill-proċess tax-xjuħija. Aktar importanti, diżabilità intellettwali ma tfissirx li bil-fors hemm livell baxx ta' intelliġenza. Websites tekniċi u edukattivi li jindirizzaw nies b'intelliġenza għolja ma jistgħux jeskludu persuni b'diżabilità intellettwali mill-udjenza potenzjali tagħhom.

- **Biex tiddisinja web site aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità intellettwali jinvolvi spejjeż kbar.**
  Dan l-argument ma jqisx biżżejjed il-fatt li kull żvilupp fit-teknika tal-web jinvolvi ċertu spejjeż u livell ta' tagħlim. Għaldaqstant, dan jidher diffiċli sakemm jindara. Dan jgħodd ukoll għal aspetti u teknoloġija li għandhom x'jaqsmu m' aċċessibilità.

Il-benefiċċji ta' aċċessibilità aktar wiesgħa huma ħafna. Judy Brewer fil-kitba tagħha "How People with Disabilities Use the Web" (http://www.w3.org/WAI/EO/Drafts/PWD-Use-Web/Overview.html) issemmi kif websites aċċessibbli jistgħu jgħinu persuni b'diżabilità billi jiftħulhom bibien ġodda fil-qasam tal-edukazzjoni u jgħinuhom javvanzaw fil-karriera tagħhom. Studju reċenti li sar mid-Disability Rights Commission tal-Ingilterra, wera kif ix-xogħol ta' persuni li m'għandhomx diżabilità tjieb b'35% meta ħadmu fuq website aċċessibbli kkumparat ma' xogħol simili fuq websites li ma jħaddnux prinċipji ta' aċċessibilità. Benefiċċji ewlenin irrappurtati minn dawn in-nies kienu l-effiċjenza fejn għandu x'jaqsam ħin u faċilità fl-użu.

Il-forma elettronika tal-Internet toffri opportunitajiet eċċellenti biex persuni b'diżabilità jipparteċipaw f'aktar oqsma tas-soċjetà. Il-FITA qed taħdem flimkien mal-Università ta' Malta fuq web services aċċessibbli li eventwalment ikunu inkluzi fuq il-website tal-FITA. Dan l-eżerċizzju jservi biex jagħti eżempju ħaj ta' aċċessibilità fuq l-Internet u jgħin ukoll biex iżid l-għarfien dwar l-aċċessibilità fost l-istudenti u l-professjonisti t'għada. Huwa tajjeb li nagħrfu li l-promozzjoni ta' linji gwida biss ma jagħtuna l-ebda garanzija li l-Internet isir aktar aċċessibbli. Il-FITA għandha servizz fejn l-aċċessibilità ta' website tiġi vverifikata minn persuni b'diżabilità li jafu jagħtu aktar informazzjoni dwar l-aċċessibilità fil-prattika. L-attitudni u l-importanza li tingħata lill-aċċessibilità f'web design jilagħbu parti importanti fl-inklużjoni jew eskluzzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà.

**Referenza:**


AHRC New York City http://www.ahrcnyc.org/index.htm FAQ's Sheet (2002)

# Rapport Annwali




Kull 10 ta' Frar, il-Kummissjoni tfakkar it-twaqqif uffiċjali tagħha billi tippreżenta r-rapport annwali tagħha lill-pubbliku ġenerali, billi l-Kummissjoni twaqqfet uffiċjalment fl-10 ta' Frar 2000. Din is-sena l-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rapport waqt konfernza stampa li attendew għaliha l-Onor Dr Francis Aguis, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Onor Marie Louise Coleiro, kelliema tal-Oppożizzjoni għal dan il-qasa m. Dan ir-rapport li hu bil-Malti fih ukoll resume fil-qosor ta' x'għamlet il-Kummissjoni:

- f'forma stampata b'tipa regolari bil-Malti jew bl-Ingliż
- f'forma stampata b'tipa kbira bil-Malti jew bl-Ingliż
- audio bil-Malti
- bil-Malti jew bl-Ingliż minn fuq il-webpage tal KNPD **www.knpd.org**

# Riċerka dwar x'Jolqot l-Aktar lill-Persuni b'Diżabilità



Il-Kummissjoni issa ilha taħdem għal aktar minn 17-il sena u dejjem fasslet il-pjanijiet tagħha skond dak li jgħidulha l-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom li jkollhom kuntatt mal-Kummissjoni u anke l-għaqdiet volontarji li jaħdmu f'dan is-settur.

Issa nħasset il-ħtieġa li nkunu xi ftit aktar eżatti fejn jidħlu x-xewqat, l-aspettattivi u l-aspirazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità. Għaldaqstant bi ftehim ma' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, tfassal servej xjentifiku biex ikollna sitwazzjoni aktar eżatta ta' x'jolqot l-aktar lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

Dan l-eżerċizzju jinkudi dawn l-istadji:

- tfassal il-kwestjonarju;
- intgħażlu u tħarrġu l-persuni li se jagħmlu l-intervisti;
- intgħażlu elf familja li għandhom persuna b'diżabilità. Wara numru ta' tentattivi, madwar 700 persuna b'diżabilità minn dawn l-elf aċċettaw li jieħdu sehem f'dan l-eżerċizzju;
- l-informazzjoni tidħol fil-kompjuter u tiġi analizzata;
- ir-riżultati jiġu ppubblikati u ppreżentati lill-pubbliku u lil dawk kollha konċernati.

***L-ewwel tliet fażijiet huma kważi lesti u hu ttamat li sa l-aħħar ta' din is-sena l-eżerċizzju kollu jkunu komplut.***

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
**Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera**
**Telefon: 21 487 789    Fax: 21 484 609    Textel: 21 446 536**
**E-mail: helpdesk@knpd.org**
**www.knpd.org**

Editur: Fred Bezzina

***Din ir-rivista ġiet ippreparata f'audio tape, kif ukoll b'tipa kbira. Min irid kopja hekk jista' jċempel jew jikteb lil-Kummissjoni.***
***An English version is also available.***